# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 1**

**Rikors numru 1307/84 GC**

**Wilhelmina Abela bhala direttrici u in rapprezentanza ta' Mabrouk Limited**

**v.**

**Alex Ciantar u Joseph Ciantar**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni li s-socjeta` attrici ipprezentat fil-21 ta' Settembru, 1984, u li jaqra hekk:

> "Billi d-ditta attrici taghmel xoghol ta' 'rustproofing' bil-prodott 'Protectol', u hija tiggestixxi tali xoghol fir-'Rustproofing Centre' taghha; u
>
> "Billi l-konvenuti Alex Ciantar u Joseph Ciantar kienu mpjegati mad-ditta attrici u fost il-mansjonijiet l-ohra taghhom kienu jaghmlu x-xohgol ta' 'Rustproofing'; u

"Billi instab li l-istess konvenuti, matul il-perijodu tal-impjieg taghhom ikkagunaw danni lid-ditta attrici b'misaproprjazzjoni, kif jigi pruvat aktar dettaljatament matul it-trattazzjoni tal-kawza, u dan billi fil-kors tal-impieg taghhom kienu jaghmlu xoghol ta' 'rustproof' u xoghol iehor fil-post u bil-materjal u makkinarju tad-ditta attrici, u izommu r-rikavat ghalihom b'telf evidenti ghad-ditta attrici;

"U billi l-konvenuti alteraw ukoll l-kotba tas-socjeta` attrici jew hargu ricevuti foloz biex b'hekk zammew flus ghalihom li kienu jispettaw lill-istess socjeta` attrici.

"Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti:-

"1. Ghaliex ma ghandhomx jigu dikjarati responsabbli ghad-danni kagunati lid-ditta attrici minhabba il-misapproprjazzjoni u agir illegali fuq imsemmi da parti taghhom;

"2. Ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tillikwida s-somma dovuta lid-ditta attrici in linea ta' danni kif intqal fuq;

"3. Ghaliex ma ghandhomx jigu ikkundannati jhallsu s-somma hekk likwidata lid-ditta attrici;

"4. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' impediment, mandat ta' sekwestru kawtelatorju u mandat ta' qbid kawtelatorju tat-13 ta' Settembru, 1984.

"Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

"1. Illi din il-Qorti hija nkompetenti peress illi ebda wiehed mill-konvenuti ma huwa kummercjant.

"2. Illi huma ma approprijawx rwiehhom minn flus tad-ditta attrici, u mhux biss ma ghamlux danni lid-ditta, izda talli arrikkewha.

"3. Illi meta kienu gew arrestati il-konvenut Joseph Ciantar gie kostrett bl-isperanza li dak kien l-uniku mezz li jehles mill-attest, li jacetta li jirrifondi elfejn u hames mitt lira (Lm2500). Il-konvenut Alex Ciantar baqa sal-ahhar jghid il-verita' u jichad li ha xi haga.

"4. Illi d-ditta attrici kkagunat danni lill-konvenuti minhabba tkeccija ngusta kif ukoll minhabba l-fatt li sar mandat ta' qbid fuq il-karrozzi tal-konvenuti, anzi fil-kas tal-konvenut Alex Ciantar fuq karozza li kienet f'idejh, izda li ma tappartjenix lilu. Dawn il-vetturi gew maqbuda ghalkemm kienu fil-vicinanzi tal-post tax-xoghol."

Rat il-kontro-talba li l-konvenuti ressqu u li taqra hekk:

> "Peress illi huma hadmu wara l-hin taghhom ghad-ditta attrici u barra mix-xoghol taghhom normali.
>
> "Tghid li l-attrici nomine ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-konvenuti dik is-somma li tigi likwidata bhala l-ammontanti ta' kumpens xieraq dovut lill-konvenuti ghal over time u xoghol extra li huma hadmu fis-servizz taghha."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-ditta attrici ghall-kontro talba tal-konvenuti li in forza taghha eccepiet:

> "Illi ma hemm l-ebda somma dovuta mis-socjeta` attrici ghall-overtime u xoghol extra billi dawn dejjem thallsu ta' kollox".

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi:

> "Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u l-eccezzjonijiet l-ohra kolllha tal-konvenut Joseph Ciantar u billi fit-tieni lok tilqa' t-talba attrici pero biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Ciantar u tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta` attrici minhabba il-misapproprjazzjoni u agir illegali imsemmi fic-citazzjoni u tillikwida "arbitrio boni viri" dawn id-danni fis-somma ta' sittax il-elf liri maltin (Lm16000) ekwivalenti ghal euro seba u tletin elf mitejn u tmenin (€37280) bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Joseph Ciantar ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' Euro seba u tletin elf, mitejn u tmenin bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din ic-citazzjoni. Fit-tielet lok tillibera lill-konvenut Alex Ciantar mill-osservanza tal-gudizzju. Fir-raba lok dwar il-kontro-talba tal-konvenuti tilqa l-istess kontro-talba u tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut Joseph Ciantar is-somma ta' elf tmien mija u erba u tletin liri maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1834.56) ekwivalenti ghal euro erbghat elef mitejn u erba u sebghin u tnejn u hamsin centezmu (€4274.52) u lill-konvenut Alex Ciantar is-somma ta' elf erba mija u tletin liri maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1430.52) ekwivalenti ghal euro tlett elef tlett mija u tlieta u tletin u hdax il-centezmu (€3333.11) bl-imghaxxijiet kollha legali mid-

data tal-presentata tal-kontro-talba rappresentanti l-kumpens xieraq dovut lil-konvenuti ghal over time u xoghol extra li huma hadmu fis-servizz u fl-interess taz-socjeta` attrici.

"In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez u d-drittijiet relattivi ghan-nomina tal-esperti gudizzjarji u tal-esperti gudizzjarji addizzjonali jithallsu mill-konvenut Joseph Ciantar. L-ispejjez l-ohra kollha jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Is-socjeta` attrici qed tallega illi l-konvenuti, li kienu impjegati maghha, wettqu mizapproprjazzjoni fil-konfront taghha, u ghalhekk qed titlob li jigu likwidati d-danni relattivi sofferti minnha bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenuti. Da parti taghhom il-konvenuti qeghdin jichdu l-imsemmija allegazzjoni tas-socjeta` u inoltre ppresentaw kontro-talba fejn qed jitolbu li jithallsu mis-socjeta` attrici ammonti dovuti lilhom bhala overtime. Is-socjeta` attrici qed tichad li ghandha taghti xi flus lill-konvenuti.

"F'dawn il-proceduri ghall-ewwel gew nominati l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala Perit Legali u William Cassar Torregiani bhala Espert Tekniku biex jassisti lilll-imsemmi Perit Legali. Sussegwentement gew nominati periti addizzjonali u cioe' l-espert Tekniku Joseph Magri u l-Perit Legali l-Avukat Peter Fenech. Minn naha taghom l-imsemmija Periti Gudizzjarji cioe' l-avukat Dottor Joseph Micallef u William Cassar Torreggiani wasslu ghall-konluzjoni li, skond huma, l-konvenuti ddecidew li jaghmlu tajjeb u jithallsu b'idejhom, ghall-fatt li hassewhom 'underpaid' u li ma thallsux ta' xoghol li ghamlu kompriz 'overtime' u l-anqas thallsu l-'bonus.' Il-Qorti taqbel ma din il-kokluzjoni u dan tenut kont tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz u tenut kont tal-kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet kollha li ghamlu l-imsemmija Periti Gudizzjarji. F'dan l-istadju trid tigi esaminata l-kwestjoni tal-quantum li l-konvenuti, jew min minnhom, huma tenuti li jhallsu lis-socjeta` attrici bhala danni kkawzati minn ghemilhom.

"Il-konvenuti huma missier u iben u cioe' l-konvenut Alex Ciantar hu bin il-kovenut l-iehor Joseph Ciantar. L-esperti gudizzjarji kkonkludew li kien il-missier li effettivament wettaq l-misapproprjazzjoni in kwestjoni u cioe' d-direzzjoni tal-operazzjonijiet kollha kienet tal-missier kif ukoll il-missier kien responsabbli ghall-'paperwork' kollu involut anke jekk jirrizulta li ibnu ffirma sporadikament xi dokumenti konnessi mal-fatti in kwestjoni. Ghandu jkun il-missier cioe' l-konvenut Joseph Ciantar li ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici menri l-konvenut Alex Ciantar ghandu jigi

liberat. Il-Periti Gudizzjarji waslu għall-konklużjoni dwar il-quantum li jrid jitħallas fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Tekniku. Il-Periti Gudizzjarji kkonkludew li s-soċjetà attriċi għandha tirċievi Lm11840 ekwivalenti ghal €27579.78 bhala danni kkawzati mill-agir tal-konvenut Joseph Ciantar.

"Il-Periti Gudizzjarji aċettaw wkoll il-pretensjonijiet tal-konvenuti u kwindi kkonkludew li ghandu jigi dispost dwar ic-citazzjoni li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar l-inkompetenza ghandha tigi michuda peress li l-Qorti tal-Kummerc m'ghadhiex tezisti u dak li qabel kien ta kompetenza tal-istess Qorti illum sar kompetenza ta din il-Qorti cioe' tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Ikkonkludew ukoll li t-talbiet tas-socjeta` attrici jisthoqqilhom li jigu akkolti pero' biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Ciantar. Ikkonkludew ukoll li l-ammont dovut mill-imsemmi konvenut lis-socjeta` attrici bhala danni hu ta' Lm11840 ekwivalenti ghal €27579.78. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenut l-iehor Alex Ciantar. Skond il-Periti Gudizzjarji l-kontro-talba tal-konvenuti timmerita li tigi akkolta peress li tirrizulta b'referenza ghad-Dok.IR3 rigward il-konvenut Joseph Ciantar u ghad-Dok.AC rigward il-konvenut Alex Ciantar. Il-periti kkonkludew li l-kontro-talba hi flokha u rreferew f'dan ir-rigwad ghall-appell 1279/89 fl-ismijiet "Paul Gambin vs Frank Gambin pro et noe" deciz fis-27 ta' Marzu 1996.

"Wara li saru d-domandi lill-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani in eskussjoni gie precisat mill-istess Perit Tekniku li certi figuri li gew uzati minnu ghandhom jigu korretti u cioe' ghandu jigi korrett it-total tal-karozzi processati. It-total kellu jkun 870 u mhux 1042. Gie inoltre precizat li kien jinhela hafna materjal minhabba zewg fatturi u cioe' l-ewwel in-nuqqas ta' esperjenza tal-operaturi u t-tieni minhabba li kien isir hafna 'clogging' tal-makkinarju, kemm minhabba n-natura tal-materjal kif ukoll ghaliex kien hemm xi materjal li kien difettuz. Hawnhekk il-Perit Tekniku kkonferma li hu normali li f'xoghol li ghadu fl-infanzja tieghu, tigi kalkulata percentwali ta' minn 5% sa 10% bhala 'human error during application' izda f'dan il-kaz intuzat percentwali ta' 15% minhabba l-imsemmi fattur ta' hela. "F'dan ir-rigward il-Perit Tekniku kkonferma li huwa qghad fuq ix-xhieda mressqa mill-partijiet u li ma ghamel ebda investigazzjoni ulterjuri dwar l-ammonti ta' materjal li fil-fatt intuza.

"Gew inoltre nominati periti addizzjonali u cioe l-espert Tekniku Joseph Magri u l-Perit Legali l-Avukat Dottor Peter Fenech. L-imsemmijja Periti Addizzjonali ppresentaw ir-relazzjoni taghhom li kienet limitata ghal tlett kwestjonijiet. L-ewwel kwestjoni kienet dwar jekk il-Perit Tekniku qghadx biss fuq il-figuri forniti mis-socjeta` attrici. F'dan ir-rigward gie rimarkat li minn analizi tal-provi jirrizulta li l-figuri uzati kienu kollha forniti mis-socjeta` attrici kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mill-ufficcjali tal-istess socjeta` attrici kif ukoll mill-affidavits jew xhieda tad-diretturi u azzjonisti tal-istess socjeta` attrici. It-tieni kwestjoni kienet tirrigwarda jekk dawn l-istess figuri kienux ufficjali mahrugin mill-fabbrika li pproduciet il-materjal u f'dan ir-rigward gie

nnotat li jidher li l-kalkoli gew mahduma fuq figuri mahrugin mill-fabbrika izda l-ammonti tal-allowances li gew applikati gew decizi mill-espert tekniiku.

“Jidher li l-espert tekniku hadem fuq allowance ta’ hmistax (15%) fil-mija u l-istess espert ikkonferma li ma kienx hemm minn fejn tikkwantifika tali persentagg u ghalhekk hadem fuq figura wara li ha in konsiderazzjoni li s-sengha in kwestjoni kienet ghadha fl-infanzja taghha u li generalment tigi applikata percentwali ta’ bejn hamsa (5) u ghaxra (10) fil-mija. Jidher ghalhekk li l-persentagg ta’ 15% usat mill-perit tekniku gie hekk utilizzat “arbitrio boni viri.” It-tielet kwestjoni kienet jekk l-ammont ta’ materjal li gie konkluz li gie uzat mill-espert tekniku huwiex verosimili. F’dan ir-rigward gie rilevat li t-Technical Data Sheet tispjega li jekk jigi applikat korrettament il-prodott in kwestjoni b’kull kartell ta' mitejn (200) litru jistghu jigu pprocessatti 33 vettura.  Jekk l-applikazzjoni ma ssirx tajjeb u ssir irqiqa wisq minn kull kartell ta' dan id-daqs jistghu jinhaddmu 50 vettura. In effett din il-figura hi vicina ghall-figura ta’ 46 vettura li ssemmiet minn xhieda prodotti mis-socjeta` attrici. In effett jidher li l-varjazzjoni ta' kemm jistghu jigu processati vetturi minn kartell ta' 200 litru hija ta' bejn 23 u 50 karozza. F’dan ir-rigward il-Periti Addizzjonali kkonfermaw li huwa pjuttost difficli li jigi kalkulat l-ammont ta’ materjal li gie usat u konsegwentement lanqas ma jista jigi determinat jekk il-figura li fuqha hadem il-perit tekniku kienitx verosimili jew le. In effett hu difficli hafna li jigi stabbilit x’gara esatt fil-kaz in esami. Difatti il-periti addizzjonali kkonkludew li peress li fl-atti ma hemm xejn li jindika kif kien qed jahdem l-opertaur u taht liema cirkostanzi, anke atmosferici, kien qed jahdem l-istess operatur, ma jistghax jinghad kemm suppost li ntuza materjal. Lanqas ma hemm indikazzjoni kemm kien mghallem l-istess operatur biex josserva il-metodu imsemmi fit-Technical Data Sheet jew kemm kien il-wastage element in generali. Kwindi ma jistax jigi konkluz jekk kienx hemm element abbuziv fir-rigward tal-ammont li l-Perit Tekniku kkonkluda li gie usat f’dan ir-rigward. Il-Periti Addizzjonali pprecizaw li f’kazijiet bhal dawn huwa normali li jigi applikat aktar prodott milli mehtieg. L-esperti addizzjonali ghal dawn ir-ragunijiet ikkonkludaw li mhumiex f’pozizzjoni jikkonfermaw jew jichdu l-verosimiljanza tal-konkluzjoni tal-ewwel espert.

“Wara li gie presentat ir-rapport mill-Periti Adizzjonali dawn ikkjarifikaw li hu normali li jintuza aktar materjal milli hemm bzonn aktar u aktar meta ma jkunx hemm esperjenza jew taghlim bizzejjed. In effett jenhtiegu tahrig u supervizjoni ghal dan ix-xoghol, u hu necessarju li min qed jaghmel ix-xoghol ghandu jkollu esperjenza sabiex l-ghodda tintuza sewwa. Il-Periti Addizzjonali komplew jiccaraw illi gie li jigri li ma jsirx xoghol fuq il-karozzi kollha ndikati minn min jimmanifattura l-materjal u dan jista’ jkun dovut kemm ghall-uzu ta’ l-ghodda, kif ukoll ghall-haddiema li ma jkunux hadmu sew fuq il-materjal in kwistjoni.   L-ammont li tindika l-fabbrika li ghandhom jinhadmu karozzi bil-materjal suppost illi jinhadmu effettivament daqshekk karozzi.   Izda l-periti rrepetew illi jew l-ghodda li ntuzat ma tkunx intuzaw sew jew inkella

min hadem fuq il-materjal ma jkunx hadem sew. Il-periti addizzjonali kkonfermaw li huma ma rawx l-ghodda li ntuzat mill-konvenuti. Ikkonfermaw ukoll li minhabba li jkun sar xoghol hazin jista' jkun illi jinhadmu hafna inqas karozzi milli dak indikat mill-fabbrika li mmanifatturat il-materjal, jista' jkun li johorgu ghoxrin karozza meta l-fabbrika tindika hamsa u tletin jew erbghin karozza. Inoltre, f'dan ir-rigward, is-socjeta` attrici ssostni li l-konvenuti nghataw tahrig estensiv, pero' l-konvenut Joe Ciantar jghid illi t-tahrig ma kienx sufficjenti, anzi kien nieqes.

"Fis-sottomissjonijiet bil-miktub taghha s-socjeta` attrici rriferiet ghal zbalji maghmula mill-ewwel esperti. In effett jirrizulta li l-akbar problema kien biex jigi stabbilit kemm inhela materjal, peress li fuq dan il-punt tiddependi l-kwantifikazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici inoltre tissottometti li hemm certu diffikultajiet biex jigu kwantifikati d-danni minnha sofferti, pero' din id-diffikolta ghandha tigi addebitata ghall-agir kriminali u negligenti tal-konvenuti. Ghalhekk skond is-socjeta` attrici li wiehed jirrikorri ghall-estrapolazzjoni fuq in-numru ta' karozzi li suppost inhargu minn kull barmil zejt ghal fini tal-kalkolu tad-dannu attwali soffert mis-socjeta` attrici. F'dan ir-rigward il-konvenuti jaghmlu riferenza ghall-proceduri kriminali li nbdew kontra taghhom in konnessjoni mal-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri. In effett jirrizulta li bhala konsegwenza tal-imsemmija proceduri krimnali fost affarijiet ohra l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm2500 bhala danni. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali irrilevat "illi dwar l-ammont hekk allegatament mehud mill-imputati, dan ma giex stabbilit fic-cert l-ghaliex l-imputat Joseph Ciantar jghid li ma qabizx l-elfejn u hames mitt liri maltin (Lm2,500). Is-socjeta` attrici pproduciet relazzjoni tal-accountant taghha pero' tali relazzjoni ghandha titqies li hi prova "ex parte" u kwindi l-ammont hemm indikat ta' tmintax elf liri maltin (LM18,000) ma jistax jigi accettat. Il-konvenuti ddikjaraw li l-imsemmija somma ta' Lm2500 giet efettivament imhallsa lis-socjeta` attrici fiz-zmien stipulat mill-Qorti, u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz l-imsemmija somma ghandha titnaqqas minn kwalunkwe somma li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu bhala danni lis-socjeta` attrici in konsegwenza tal-presenti proceduri.

"Dwar il-quantum tad-danni din il-Qorti hi tal-fehma illi d-danni ghandhom jigu likwidati "arbitrio boni viri" u dan in vista tad-diffikultajiet kollha li gia ssemmew f'diin is-sentenza. Fil-likwidazzjoni tad-danni l-Qorti ser tikkonsidra l-konkluzjonijiet dwar id-danni li wasslu ghalihom il-Periti Gudizzjarji. F'dan ir-rigward ghandu jigi ukoll konsidrat li l-Espert Tekniku stess ghamel korrezzjoni fl-ammont ta' karozzi li gew processati u cioe' tali ammont ghandu jkun ta' 870 u mhux 1042. Ghandu ukoll jinghata konsiderazzjoni l-fatt li s-socjeta` attrici gia thallset bhala danni l-ammont ta' Lm2500. Tenut kont ta' dak kolu li jista jkun rilevanti l-Qorti thoss li ammont ragjonevoli li ghandu jigi likwidat bhala danni u dak ta' sittax il-elf liri maltin (Lm16000) ekwivalenti ghal euro seba u tletin elf mitejn u tmenin (€37280).

> Konsegwentement il-konvenut Joseph Ciantar ghandu jigi ritenut responsabbli tad-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-agir tal-istess konvenut, li ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici l-istess somma.
>
> "Dwar il-kontro-talba l-ewwel Periti Gudizzjarji accettaw in pjien il-pretensjoni tal-konvenuti stante li, skond huma, l-istess kontro-talba giet pruvata u hi gustifikata u tirrizulta li hija f'lokha ukoll bhala kontrotalba. Il-Qorti taqbel ma' dawn il-konkluzjonijiet li qed jigu addottati. Ghalhekk, is-socjeta` attrici ghandha tigi kkundannata thallas lill-konvenut Joseph Ciantar is-somma ta' Lm1834.56 ekwivalenti euro €4274.52 u lill-konvenut Alex Ciantar is-somma ta' Lm1430.52 ekwivalenti ghal €3333.11."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Joseph Ciantar li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premess, talab illi din il-Qorti joghgobha;

> "tirriforma u tbiddel is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2012 billi fil-waqt li:-  i) tikkonferma dik il-parti tal-imsemmija sentenza moghtija fl-ismijiet premessi li permezz taghha lliberat lill-konvenut Alex Ciantar mill-osservanza tal-gudizzju u laqghet il-kontro-talba tal-istess konvenuti, u ddecidiet li l-kawza fl-ismijiet premessi tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet, u ii) tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha laqghet it-talba attrici fil-konfront biss tal-appellant Joseph Ciantar u ikkundannat lill-istess appellant Joseph Ciantar jhallas is-somma ta' EUR37,269 (Lm16,000) billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet tal-atturi nomine u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju jew tiddikjara bhala nulla u bla effett l-imsemmija sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2012 u taghti dawk il-provvedimenti mehtiega bl-ispejjes ta' dina l-istanza kontra l-istess socjeta` appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta` attrici, f'din il-kawza, allegat li z-zewg konvenuti, li kienu impjegati taghha, ikkagunawlha danni b'misapproprijazzjoni u dan billi zammew ghalihom diversi flejjes li kienu jithallsu ghax-xoghol li wettqu fil-kors tal-impjieg taghhom. Il-konvenuti cahdu l-adebitu ta' responsabilta` u ressqu kontro-talba fejn talbu hlas ghas-sahra li wettqu lill-kumpanija. L-ewwel Qorti sabet biss lill-konvenut Joseph Ciantar hati ta' misapproprijazzjoni u ikkundannatu jhallas danni fl-ammont ta' €37,280, u laqghet wkoll il-kontro-talba tal-konvenuti u ikkundannat lis-socjeta` attrici thallas lil Joseph Ciantar is-somma ta' €4,274.52 u lil Alex Ciantar is-somma ta' €3,333.11 bhala kumpens xieraq dovut ghas-sahra u xoghol extra li huma hadmu fis-servizz u fl-interess tas-socjeta` attrici.

Mis-sentenza appella biss il-konvenut Joseph Ciantar li ilmenta mis-sejbien ta' responsabilita` u l-likwidazzjoni ta' danni; ilmenta wkoll dwar kif inhi redatta s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Il-Qorti, ghal kull buon fini, tirrileva illi kontra l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju mill-ewwel Qorti tal-konvenut Alex Ciantar ma tressaq ebda appell mis-socjeta` attrici, u lanqas ma tressaq appell fil-

konfront tad-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn laqghet il-kontro-talba tal-konvenuti.

Fil-konfront tal-ilment relatat mal-istruttura tas-sentenza, din il-Qorti tara li, fil-verita`, is-sentenza hi ben motivata, anke b'referenza li saret ghad-diversi rapporti li ressqu d-diversi periti legali u teknici li inhatru mill-ewwel Qorti biex jassistuha fl-indagini taghha. Is-sentenza tal-ewwel Qorti ma hijiex biss rakkont tal-process, haga li kellha issir tenut kont tat-tul ta' zmien li hadu l-partijiet biex jaghlqu l-provi, izda fiha wkoll konsiderazzjonijiet dwar ir-responsabilita` tal-konvenut Joseph Ciantar, dwar ghaliex inheles mill-osservanza tal-gudizzju l-konvenut l-iehor, u konsiderazzjonijiet aktar dettaljati dwar kif waslet biex tillikwida d-danni, mehud kont tal-fatt li l-provi fir-rigward huma skarni ghall-ahhar.

Dwar il-kwistjoni ta' responsabilita`, ma tantx jidher li hemm xi tghid, tant li l-konvenut appellant, fl-appell tieghu, aktar ikkoncentra fuq il-likwidazzjoni ta' danni milli fuq is-sejbien ta' responsabilita`. Fil-fatt, jirrizulta li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sabet lill-konvenut Joseph Ciantar hati ta' misapproprijazzjoni. Il-provi quddiem din il-Qorti huma l-istess bhal dawk imressqa quddiem il-Qorti Kriminali, u darba instab hati tad-delitti lilu imputati, u dan minghajr dubju ragonevoli, difficli li l-istess konvenut isostni li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, ghandu jinheles minn responsabilita` civili. F'kull kaz, din il-Qorti ezaminat il-provi fir-rigward u

issib li lanqas hi ma ghandha dubju dwar ir-responsabilita` tal-konvenut appellant. Il-konvenuti, li jigu missier u iben, kienu jhossu li ma kienux qed jithallsu bizzejjed ghal xogholhom u lanqas kienu qed jithallsu tas-sahra li kienu wettqu, u allura iddecidew li jzommu ghalihom flejjes ghal xoghol li kienu jwettqu ghall-kumpanija. Kienu wkoll johorgu ricevuti foloz lill-klijenti tal-kumpanija attrici biex ikopru l-ghemil delittwuz taghhom.

Kwindi, l-aggravju tal-appellant, marbut mas-sejbien tar-responsabilita` tieghu, qed tigi michuda.

Fir-rigward tal-ilment marbut mal-*quantum* tad-danni, kemm il-periti mahtura kif ukoll l-ewwel Qorti sabu diffikulta` jikkonsidraw l-istess minhabba l-mod konfuzzjonali li bih is-socjeta` attrici ressqet il-provi taghha fir-rigward, tant li l-ewwel Qorti illikwidat id-danni *arbitrio et boni viri*. Fil-fatt, il-periti addizzjonali qalu li hu difficli hafna li jigi stabbilit x'gara ezatt fil-kaz. Dawn il-periti stqarrew li mid-dokumenti esebiti huwa pjuttost difficli li jigi kalkulat l-ammont ta' materjal li gie uzat fix-xoghol li ghalih ma sarx hlas lill-kumpanija, u ma kienx possibbli ghalihom jivverifikaw jekk il-figura li wasal ghaliha l-ewwel perit tekniku kienitx veritjiera jew le. L-ewwel perit tekniku kien illikwida d-danni f'ammont ta' €27,579.78, pero`, meta xehed in eskussjoni, stqarr li certu figuri kellhom jigu koretti; partikolarment li t-total ta' karozzi processati

kien ta' 870 u mhux 1042. Huwa wkoll ikallkula percentwali ta' 15% ghal "*human error during application*" peress illi s-sengha in kwistjoni kienet ghadha fl-infanzja taghha. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici ma kienetx ipprovdit lill-haddiema taghha bi stharrig adegwat f'dik is-sengha (l-ghoti tar-"*rust proofing*" tad-ditta Dinitrol lill-vetturi), u l-ewwel perit tekniku qies dan ukoll meta illikwida d-danni. Gie ikkonsidrat ukoll li waqt procedura imsejha "*cavity treatment*", skont il-perit tekniku, peress li l-applikazzjoni ta' dan it-trattament isir mill-operatur li ma jkunx qieghed jara l-wicc ta' fejn ikun qieghed japplika l-prodott, jigi injettat aktar prodott milli hemm bzonn, bir-rizultat li wara z-zejjed johrog barra. Intqal li, ghalhekk, l-operatur ma jirrealizzax li l-applikazzjoni tal-materjal hija aktar milli dovut, u ghalhekk mhux facli li jigi ikkalkolat kemm intuza materjal fuq kemm karozzi. Ma ingabetx lanqas prova konkreta tal-kobor tal-karozzi li kienu processati u lanqas dwar l-importazzjoni tal-materjal.

Is-socjeta` attrici tippretendi kumpens ta' (mahduma minn accountant u tifel ta' wiehed mis-sidien tas-socjeta` attrici), €41,928, figura li waslet ghaliha *ex parte* pero` hi figura li ma setghetx tigi ivverifikata mill-periti teknici minhabba skarsezza ta' provi, l-aktar dawk dokumentali. Jidher li lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali ma accettat din il-figura, u dik il-Qorti wkoll sabet diffikulta` tistabilixxi l-quantum tad-danni, u ordnat biss li l-imputat Joseph Ciantar ihallas €5823 lis-socjeta` attrici, wara li hu stess ammetta li d-danni, se mai, ma kienux aktar minn din is-somma.

Meta tqies dan kollu, din il-Qorti tqis li s-somma likwidata mill-ewwel Qorti hi ftit gholja. Hu veru li l-Qrati ghandhom l-fakolta` jillikwidaw danni *arbitrio et boni viri*; fil-fatt, fil-kawza **Attard v. Frendo**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Jannar, 2003, gie osservat illi:

> "*Fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm temperament bl-applikazzjoni tar-regola stabbilita anke minn gurisprudenza maghrufa illi fejn il-provi fir-rigward ta' l-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont ghandu jigi ffissat ex aequo et bono mill-gudikant (**VOL.XXXV.iii.615**).*"

Jibqa' l-fatt, pero`, li kien dover tas-socjeta` attrici li tipprova, b'mod kemm jista' jkun preciz, l-ammont ta' danni li garbet bl-agir tal-parti l-ohra. Kif inghad, l-esperti, partikolarment dawk addizzjonali, ma setghux jaslu ghall-konkluzzjoni definittiva ghax ma kienx hemm dokumenti biex huma jistghu jaslu ghall-figura certa. Anke l-ewwel perit tekniku, li hareg bil-figura ta' €27,579.78, qaghad biss fuq il-figuri ipprovduti lilu mis-socjeta` attrici ghaliex huwa ma setax jaghmel testijiet *de proprio* – apparti li ammetta li dik il-figura kienet bazata fuq zball fil-kalkolu ta' karozzi ipprocessati. Li huwa zgur hu li ma ngabet ebda prova konkreta dwar l-ammont li skont is-socjeta` attrici kien dovut lilha minghand il-konvenut appellant u dan ghandu jimmilita favur il-konvenut. Kollox ma' kollox ghalhekk, mehud kont ukoll li s-socjeta` attrici gia` inghatat is-somma ta' €5823, din il-Qorti tqies, *arbitrio et boni viri*, li l-kumpens li l-konvenut Joseph Ciantar ghandu jhallas lis-socjeta` attrici ghandu jkun ta' €26,000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-konvenut Joseph Ciantar, billi tilqa' l-istess biss *in parte* u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha hlief li tordna li l-kumpens li l-imsemmi konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici minhabba misapproprijazzjoni u l-agir illegali tieghu ghandu jkun ta' €26,000 (flok €37,280 likwidati mill-ewwel Qorti), li jithallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jibqghu wkoll bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb